MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 541/2007

**Dr Robert G Mangion (ID numru 596261M) u martu Rita Catherine Mangion (ID 677760M)**

**vs**

**Henryp Grixti (ID numru 651558M) u Krystle Grixti (ID numru 607283M)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-atturi fit-18 ta' Mejju, 2007, li *in forza* tieghu, wara li ppremettew :

Illi l-atturi huma s-sidien tal-fond 102A, Triq l-Ifran, Valletta;

Illi l-konvenuti qed jiddetjenu l-fond de quo minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

Illi l-konvenuti nonostante li gew interpellati sabiex jizgombraw mill-istess fond baqghu inadempjenti;

Illi l-atturi jafu b'dawn il-fatti personalment;

Illi sa fejn jafu l-atturi, l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu kontra t-talbiet attrici;

Talbu lill-konvenuti, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji, u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Taqta u Tiddeciedi dan ir-rikors guramentat it-talbiet attrici bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta);
2. Tiddikjara illi l-konvenuti qed jiddetjenu l-fond 102A, Triq l-Ifran, Valletta, minghajr ebda titolu validu fil-ligi;
3. Tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss, jizgombraw mill-fond fuq imsemmi 102A, Triq l-Ifran, Valletta u jhalluh liberu u battal favur l-atturi;

Bl-Ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-21 ta' Marzu 2007 u b'rizerva ta' kull azzjoni ghad-danni spettanti lill-atturi kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat illi ir-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw risposta guramentata u b'hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xiehda tal-attur Dr Robert G. Mangion;

Semghet l-Avukat ta' l-attur;

Ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw pruvati.

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet ta’ l-atturi kif dedotti fir-rikors guramentat b’dan illi fir-rigward tat-tielet talba attrici, tipprefiggi lill-konvenuti terminu ta’ xahrejn illi fih ghandhom jizgombraw mill-fond 102A, Triq l-Ifran, Valletta.

Bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------